# 6. Ġrajjiet Diċembru f'Raħal Twelidna

miġbur minn Joseph Schembri

**Iż-żmien inessina ħafna mit-tifkiriet sbieħ, imma l-kitba tagħmel tajjeb għal dan in-nuqqas. Għalhekk meta wieħed ifittex f'kotba u ġurnali ta' l-imgħoddi, jiltaqa' ma' ħafna ġrajjiet – sbieħ jew koroh – ta' l-imgħoddi.**

## Is-Siġġiewi u Ħal Luqa

Il-ħolqa bejn dawn iż-żewġ irħula huwa l-Monsinjur Ġann Patist Tonna, li jinsab midfun fil-kor tal-knisja parrokkjali tas-Siġġiewi.

Missieru Fabrizju Tonna, minn Ħal Luqa, kien iżżewweġ lil Domitilla Pace mis-Siġġiewi. Kellhom erbat itfal, tlieta minnhom twieldu Ħal Luqa. Sakemm din il-familja ġiet tgħix is-Siġġiewi, Fabrizju kien wieħed mill-prokuraturi tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa. Fit-2 ta' Marzu, 1729 mititlu l-mara Domitilla. Ftit wara, Fabrizju beda jistudja għal saċerdot. Huwa rċieva l-Ordni Sagri fl-10 ta' Marzu 1731. Dam 7 snin saċerdot fil-parroċċa tagħna s-Siġġiewi. Meta marad kellu jerġa' jmur Ħal Luqa fid-dar tal-ġenituri tiegħu. Huwa miet fil-5 ta' Ottubru 1738, fl-età ta' 45 sena.

Tnejn minn ulied Fabrizju u Domitilla, jiġifieri Ġann Patist, imwieled Ħal Luqa u Annunzjatu li kien twieled is-Siġġiewi, kienu ġew ordnati saċerdoti. Dun Ġann Patist, inħatar Kanonku Teologu tal-katidral fl-20 ta' Diċembru 1745. Għal ħafna snin huwa kien il-Vigarju ta' l-Isqof Vincenzo Labini. Mons. Ġann Tonna miet fis-7 ta' Diċembru 1796.[1]

Mons. Dun Ġwann Patist mhux biss għaqqad lil Ħal Luqa u lis-Siġġiewi bid-demm li kellu jiġri f'ġismu, iżda wkoll bir-rabta li kellu bejn iż-żewġ irħula. Huwa ħalla ġid lill-knisja parrokkjali tagħna s-Siġġiewi, kif ukoll lil dik ta' Ħal Luqa, huwa ried ukoll li xi fidda li kien ħalla lill-parroċċa tagħna kellha tissellef lill-parroċċa ta' Sant'Andrija għall-festa tal-Patrun. Illum, din ix-xewqa – ħolqa ta' Mons. Tonna m'għadhiex isseħħ, iżda sa ftit ta' żmien ilu kien għad hemm, kemm f'Ħal Luqa kif ukoll fir-raħal tagħna nies li jiftakru din il-fidda tinġieb mis-Siġġiewi għall-festa ta' Sant'Andrija fit-30 ta' Novembru ta' kull sena. Hekk kif kienet tgħaddi din ilfesta ta' Sant'Andrija din il-fidda kellha tinġieb lura mill-aktar fis possibbli fil-parroċċa tagħna għall-festa ta' San Nikola fis-6 ta' Diċembru.

## Saċerdot Missjunarju mis-Siġġiewi Onorat

Fil-ġurnal Ingliż *The Daily Malta Chronicle* ppubblikat f'Malta 6 ta' Diċembru 1901 naqraw hekk: "Għandna pjaċir li nħabbru illi Dun Nikol Camilleri mis-Siġġiewi, li kien ilu Missjunarju għal 30 sena fl-Alġerija u Tunes, issa nħatar Kanonku fil-Kapitlu tal-Katidral ta' Malta. Huwa kien saċerdot ġentlom u kellu stima u rispett kbir mill-awtoritajiet tal-Gvern Franċiż, u mill-ħaddiema Maltin u barrani;n f'dawk il-pajjiżi. Il-ħatra tiegħu ntlaqgħet b'sodisfazzjon kbir, għall-mertu tant mistħoqq lilu."[2]

## L-Ewwel Ċentinarju mill-Mewt ta' Dun Pawl Laferla

Dun Pawl Laferla twieled is-Siġġiewi fid-9 ta' Mejju, 1832. Missieru kien it-Tabib Gaetano Laferla u ommu Vinċenza Saliba. Tgħammed fil-11 ta' Mejju, 1832 mill-Viċi Dun Ġann Nikol Camilleri.[3] Huwa ordnat saċerdot fid-19 ta' Diċembru, 1857 mill-Isqof Gaetano Pace Forno. F'din l-ordinazzjoni kienu ġew ordnati wkoll żewġ saċerdoti oħra mis-Siġġiewi, Dun Nikol Zammit u Dun Ġużepp Zammit.

Dun Pawl Laferla, għen ħafna lill-kappillani li kellha l-parroċċa tagħna, b'mod speċjali lill-Kappillan Dun Franġisk Farrugia, minħabba xi

inkwiet li kien hemm dak iż-żmien fil-parroċċa. Huwa ħadem kemm felaħ billi rsista għat-twaqqif tas-Salib ta' l-Għolja. Huwa kien ħareġ minn butu stess 70 lira, li għal dak iż-żmien kienet somma sabiħa ħafna. Imma ma rnexxilux li jara sseħħ il-ħolma ta' ħajtu, jiġifieri li jara wieqaf is-Salib ta' l-Għolja, għaliex huwa miet fit-12 ta' Diċembru, 1902.[4] Is-Salib ta' l-Għolja twaqqaf nhar it-Tnejn 14 ta' Settembru 1903, fil-festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib.

## Il-Mewt tal-Ġenituri tal-Beatu Mons. Dun Ġorġ Preca

Il-ġenituri tal-Beatu mietu f'Diċembru fi żmien sentejn. Il-familja Preca kellha konnessjoni mar-raħal tagħna, għaliex huma kienu jiġu minn Tal-Fieres, u kellhom il-qabar tal-familja fil-knisja tal-parroċċa tagħna. Il-qabar kien iġib in-numru 56, u dan kien jinsab fil-korsija fejn in-navata ta' quddiem l-altar tal-Karmnu, ma' ġenb il-pilastru maġġur.

Natalina omm Dun Ġorġ mietet fid-dar tagħha l-Ħamrun, nhar it-12 ta' Diċembru, 1915 meta kellha 72 sena. L-għada 13 ta' Diċembru, sarilha l-funeral mid-dar tagħha għall-knisja tal-parroċċa tagħna. Meta l-katavru ta' Natalina kien ħiereġ mid-dar merfugħ fuq l-ispallejn, Dun Ġorġ b'qalb maqsuma għat-telfa ta' ommu nstema' jgħid: "Ma berikni, u jien nbierkek."

Fit-3 ta' Diċembru, 1917 Vinċenz Preca missier Dun Ġorġ kien marid gravi għall-mewt. Dun Ġorġ kiteb fuq biċċa karta l-kliem: *Verbum Dei Caro Factum Est*, u poġġieha fuq sider missieru, biex Alla jagħtih dak li kellu bżonn f'dak il-ħin l-aktar importanti ta' ħajtu. Vinċenz miet fil-5 ta' Diċembru, 1917 fid-dar tiegħu l-Ħamrun.[6] Il-funeral ma sarx l-għada peress li miet lejlet il-festa ta' San Nikola; huwa ndifen l-għada tal-festa fis-7 ta' Diċembru. Fil-laqgħat ta' kull nhar ta' Erbgħa lill-membri tal-M.U.S.E.U.M., kull meta kien isemmi l-*Verbum Dei* Dun Ġorġ kien jgħid li wara l-mewt ta' missieru kien deherlu u qallu: "Ġorġ, nirringrazzjak ta' dak il-*Verbum Dei* li għamiltli fuq sidri għaliex minħabba fiha kelli ġudizzju ħelu wisq."

**Referenzi:**

1 Korrispondenza bejni u bejn il-mibki Dun Ġużepp Micallef ta' Ħal Luqa.

2 *Daily Malta Chronicle* 6-12-1901.

3-4 Dun Nikol Aquilina – Festa 2002 tal-Każin Banda San Nikola.

5 Alexander Bonnici OFM Conv. – *Dun Ġorġ Preca, Vol. I* paġna 332.

6 Alexander Bonnici OFM Conv. – *Dun Ġorġ Preca, Vol. II*, paġna 277.

# Il-Misteri tad-Dawl

***(ikunu meditati nhar ta' Ħamis)***

1. Meta Sidna Ġesù Kristu tgħammed fix-Xmara Ġordan.
2. Meta Sidna Ġesù Kristu wera min hu fit-tieġ ta' Kana.
3. Meta Sidna Ġesù Kristu ħabbar is-Saltna ta' Alla u sejjaħ għall-indiema.
4. Meta Sidna Ġesù Kristu tbiddel quddiem l-Appostli fuq il-muntanja Tabor.
5. Meta Sidna Ġesù Kristu waqqaf l-Ewkaristija, it-tifkira tal-Misteru ta' l-Għid.

*Il-Papa ssuġġerixxa li dawn il-misteri tad-Dawl ikunu meditati nhar ta' Ħamis, il-misteri tal-Ferħ ikunu meditati nhar ta' Tnejn u nhar ta' Sibt, il-misteri tat-Tbatija nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ġimgħa, u l-misteri tal-Glorja nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ħadd.*